

Brussell, 29 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14579/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0081(COD)**

**SOC 726
EMPL 544
SAN 420
IA 388
CODEC 2081**

NOTA

minn: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 14252/18

Nru dok. Cion: 7733/18 + ADD 1 - COM(2018) 171 final

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol
- Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-5 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha għal direttiva li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (dok. 7733/18 + ADD1).
2. Din id-direttiva (it-tielet sett) għandha l-għan li ttejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema billi tnaqqas l-espożizzjoni okkupazzjonali għal ħames aġenti kimiċi karċinoġeniċi: il-kadmju, il-berillju, l-aċidu tal-arseniku, il-formaldeid u l-4,4'-metilen-bis.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fid-19 ta' Settembru 2018. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma joħroġx Opinjoni, iżda wieġeb fittra bid-data tal-24 ta' Lulju 2018.
4. Il-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) tal-Parlament Ewropew adotta abbozz ta' rapport dwar il-proposta fl-20 ta' Novembru 2018, segwit mit-tħabbira f'sessjoni plenarja li jmiss.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

5. B'segwitu għall-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddiskuta l-proposta fl-24 ta' Ottubru. Is-suġġerimenti ta' kompromess tal-Presidenza (fid-dokument 13201/18), dwar Sensitizzazzjoni (Premessa 13 u Premessa 17) u Arrotondament (Formaldeid - Anness III) ġew approvati. Barra minn hekk, b'riżultat tad-diskussjoni li saret waqt il-laqgħa, inqablu wkoll perjodu ta' tliet snin għall-Formaldeid u formulazzjoni aktar preċiża tal-miżuri transizzjonali kollha fl-anness għad-direttiva.

Għadd kbir ta' delegazzjonijiet kienu favur il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza. Fl-istess ħin, uħud minnhom esprimew ukoll appoġġ għal għażla addizzjonali ta' valur ta' limitu kkombinat dwar il-Kadmju ssuġġerit minn Stat Membru wieħed.

6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali ddiskuta l-kwistjoni pendenti li fadal fit-13 ta' Novembru. Abbażi ta' dan, il-Presidenza ħejjiet proposta ta' kompromess stabbilita fl-anness għad-dokument 14252/18, li tinkludi: (i) suġġerimenti ta' kompromess dwar il-valur ta' limitu bijoloġiku għall-Kadmju u, kif mitlub minn xi delegazzjonijiet, (ii) kjarifika teknika f'konformità mal-opinjoni tal-"Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xoġhol", rigward il-frazzjoni inalabbli għall-kadmju, il-berillju u l-aċidu tal-arseniku tal-valur ta' limitu fin-nota (ix) f'qiegħ il-paġna fl-anness ta' din id-Direttiva.

7. Fit-23 ta' Novembru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva dan it-test ta' kompromess. B'segwitu għal din il-laqgħa, it-test ta' emendi ta' kompromess ġie rieżaminat mill-ġuristi lingwisti. Is-suġġerimenti tagħhom għal titjib, mingħajr l-immodifikar tas-sustanza, ġew inklużi fit-test li jinsab fl-Anness għal dan id-dokument.

III. KONKLUŻJONI

8. F'dan l-isfond, il-Kunsill (EPSCO) huwa mistieden jippreżenta Approċċ ġenerali dwar it-test kif stabbilit fl-Anness għal dan id-dokument lill-Kunsill (EPSCO 6 ta' Diċembru).

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 153(2), flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 153(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C „, p.

- (1) Il-prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali², ipproklammat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jipprevedi li kull ħaddiem għandu d-dritt għal ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sikur u adattat sew. Id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll għal ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet professjonali tal-ħaddiema u li jippermettihom itawlu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol jinkludi wkoll il-protezzjoni mill-karċinoġeni u mill-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol.
- (2) Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ għandha l-għan li tiproteġi lill-ħaddiema minn riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. Livell konsistenti ta' protezzjoni mir-riskji relatati mal-karċinoġeni u l-mutaġeni huwa previst fid-Direttiva 2004/37/KE permezz ta' qafas ta' prinċipji ġenerali biex jippermetti li l-Istati Membri jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti minimi. Il-valuri limitu vinkolanti ta' espożizzjoni okkupazzjonali stabbiliti fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli, inkluża dejta xjentifika u teknika, il-fattibbiltà ekonomika, valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt soċjoekonomiku u d-disponibbiltà ta' protokollu u tekniki tal-kejl tal-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol, huma komponenti importanti tal-arranġamenti ġenerali għall-protezzjoni tal-ħaddiema stabbiliti bid-Direttiva 2004/37/KE.
- (2a) Ir-rekwiżiti minimi previsti fid-Direttiva 2004/37/KE għandhom l-għan li jiproteġu lill-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni. Valuri limitu vinkolanti ta' espożizzjoni okkupazzjonali aktar stretti jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri. Barra minn hekk, id-Direttiva 2004/37/KE ma timpedixxix lill-Istati Membri milli japplikaw miżuri addizzjonali fil-livell nazzjonali, bħal valur ta' limitu bijoloġiku.

² Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, Novembru 2017, https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt

³ Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50).

- (3) Il-valuri limitu ta' espożizzjoni okkupazzjonali huma parti mill-ġestjoni tar-riskju skont id-Direttiva 2004/37/KE. Il-konformità ma' dawk il-valuri limitu hija mingħajr preġudizzju għal obbligi oħrajn ta' min iħaddem skont id-Direttiva 2004/37/KE, bħal pereżempju t-tnaqqis tal-użu ta' karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-karċinoġeni jew għall-mutaġeni u l-miżuri li jenħtieġ li jiġu implimentati għal dak l-għan. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu, sa fejn ikun teknikament possibbli, is-sostituzzjoni tal-karċinoġenu jew tal-mutaġenu b'sustanza, taħlita jew proċess li ma jkunux perikolużi jew li jkunu inqas perikolużi għas-saħħa tal-ħaddiem, l-użu ta' sistema magħluqa jew miżuri oħrajn li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-livell tal-espożizzjoni tal-ħaddiema. F'dak il-kuntest, huwa essenzjali li jittieħed kont tal-prinċipju ta' prekawzjoni fejn ikun hemm inċertezzi.
- (4) Għall-maġġoranza tal-karċinoġeni u tal-mutaġeni, mhuwiex xjentifikament possibbli li jiġu identifikati livelli li taħthom l-espożizzjoni ma twassalx għal effetti negattivi. Filwaqt li l-istabbiliment tal-valuri limitu fuq il-post tax-xogħol fir-rigward tal-karċinoġeni u tal-mutaġeni skont id-Direttiva 2004/37/KE ma jeliminax kompletament ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jirriżultaw minn espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol (riskju residwu), madanakollu dan jikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti ta' riskji li jirriżultaw minn tali espożizzjoni fl-approċċ gradwali u li jstabbilixxi l-miri skont id-Direttiva 2004/37/KE. Għal karċinoġeni u mutaġeni oħrajn, jista' jkun xjentifikament possibbli li jiġu identifikati livelli li taħthom l-espożizzjoni ma tkunx mistennija twassal għal effetti negattivi.
- (5) Il-livelli massimi għall-espożizzjoni tal-ħaddiema għal xi karċinoġeni jew mutaġeni huma stabbiliti minn valuri li, skont id-Direttiva 2004/37/KE, ma għandhomx jinqabżu.

- (6) Din id-Direttiva ssaħħa il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri limitu ġodda fid-Direttiva 2004/37/KE fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, inklużi dejta xjentifika u teknika ġdida u l-aħjar prattiki, tekniki u protokollu bbażati fuq l-evidenza għall-kejl tal-livelli ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni, jekk ikun possibbli, tinkludi dejta dwar ir-riskji residwi għas-saħħa tal-ħaddiema, rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol (SCOEL) u opinjonijiet tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), kif ukoll opinjonijiet tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ASCH). L-informazzjoni relatata mar-riskju residwu, li tiġi ppubblikata fil-livell tal-Unjoni, hija ta' valur għall-ħidma futura biex jiġu limitati r-riskji mill-espożizzjoni okkupazzjonali għall-karċinoġeni u għall-mutaġeni. Jenħtieġ li t-trasparenza ta' tali informazzjoni tkompli tkun inkoraġġuta.
- (7) Huwa meħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati mezzi ta' assorbiment oħra minbarra l-inalazzjoni għall-karċinoġeni u l-mutaġeni kollha, inkluża l-possibbiltà ta' assorbiment mill-ġilda, sabiex ikun żgurat l-aħjar livell possibbli ta' protezzjoni. L-emendi għall-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE previsti f'din id-Direttiva jikkostitwixxu pass ieħor fi proċess aktar fit-tul li nbeda biex tiġi aġġornata d-Direttiva 2004/37/KE.
- (8) Il-valutazzjoni tal-effetti tas-saħħa tal-karċinoġeni soġġetti għal din il-proposta kienet ibbażata fuq l-għarfien espert xjentifiku rilevanti mill-SCOEL u l-RAC.

- (9) L-SCOEL, li l-attivitajiet tiegħu huma rregolati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/113/UE⁴, jassisti lill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-analiżi fid-dettall tal-aktar dejta xjentifika reċenti disponibbli u billi jipproponi valuri limitu ta' espożizzjoni okkupazzjonali għall-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji kimiċi, li għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE⁵ u d-Direttiva 2004/37/KE.
- (10) Skont ir-Regolament KE Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, l-RAC jagħti l-opinjoni tal-ECHA relatati mar-riskji tas-sustanzi kimiċi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Fil-kuntest ta' din il-proposta, l-RAC ressaq l-opinjoni tiegħu kif mitlub skont l-Artikolu 77(3)(c) tar-Regolament KE Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (11) Il-kadmju u ħafna mill-komposti inorganiċi tiegħu jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniċi (il-kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huma karċinoġeni skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi dejta xjentifika u teknika, huwa xieraq li jiġi stabbilit valur limitu għal dak il-grupp ta' karċinoġeni. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit valur limitu għall-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Barra minn hekk, il-kadmju, in-nitrat tal-kadmju, l-idrossidu tal-kadmju u l-karbonat tal-kadmju ġew identifikati bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC) skont l-Artikolu 57(a) tar-Regolament KE Nru 1907/2006 u huma inklużi fil-lista ta' kandidati msemmija fl-Artikolu 59(1) ta' dak ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament REACH.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2014 li tistabilixxi Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol u li tħassar id-Deċiżjoni 95/320/KE (ĠU L 62, 4.3.2014, p. 18)

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).

⁶ L-Artikolu 77(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1) jipprovdi lill-Kummissjoni l-possibbiltà li titlob opinjoni dwar is-sigurtà ta' kwalunkwe sustanza, inkluż fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali.

- (12) Fir-rigward tal-kadmju, għal xi setturi jista' jkun diffiċli li jikkonformaw ma' valur limitu ta' 0,001 mg/m³ f'terminu qasir. Jenħtiegħ għalhekk jiġi introdott perjodu tranżitorju ta' seba' snin li matulu jenħtiegħ li japplika l-valur limitu ta' 0,004 mg/m³.
- (12a) Fl-opinjoni tiegħu dwar il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu, l-ACSH iddikjara li kemm il-kombinazzjoni ta' limitu ta' espożizzjoni okkupazzjonali (OEL) fl-arja ma' valur ta' limitu bijoloġiku u l-medja ponderata skont il-ħin (TWA) tal-konċentrazzjoni fl-arja, jippreżentaw mezzi tekniċi adegwati biex tkun protetta s-saħħa tal-ħaddiema u talab lill-Kummissjoni biex tinvestiga aktar din il-kwistjoni (Dok. 663/17). Għaldaqstant, jenħtiegħ li l-Kummissjoni tivvaluta mhux aktar minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva l-għażla li d-Direttiva 2004/37/KE tiġi emendata billi tiżdied il-kombinazzjoni ta' OEL fl-arja ma' valur ta' limitu bijoloġiku.
- (13) Il-berillju u ħafna mill-komposti inorganiċi tal-berillju jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni (il-kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huma karċinoġeni skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi dejta xjentifika u teknika, huwa possibbli li jiġi stabbilit valur limitu għal dak il-grupp ta' karċinoġeni. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit valur limitu għall-berillju u l-komposti inorganiċi tal-berillju taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE.
- (14) Fir-rigward tal-berillju, għal xi setturi jista' jkun diffiċli li jikkonformaw ma' valur limitu ta' 0,0002 mg/m³ f'terminu qasir. Jenħtiegħ għalhekk jiġi introdott perjodu tranżitorju ta' seba' snin li matulu jenħtiegħ li japplika l-valur limitu ta' 0,0006 mg/m³.

- (15) L-aċidu tal-arseniku u l-impluħ tiegħu, kif ukoll il-maġġoranza tal-komposti inorganiċi tal-arseniku, jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniċi (il-kategorija 1A) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huma karċinoġeni skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi dejta xjentifika u teknika, huwa xieraq li jiġi stabbilit valur limitu għal dak il-grupp ta' karċinoġeni. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit valur limitu għall-aċidu tal-arseniku u l-impluħ tiegħu, kif ukoll għall-komposti inorganiċi tal-arseniku taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Barra minn hekk, l-aċidu tal-arseniku, il-pentaossidu tad-diarseniku u t-triossidu tad-diarseniku huma identifikati bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC) skont l-Artikolu 57(a) tar-Regolament KE Nru 1907/2006 u huma inklużi fl-Anness XIV ta' dak ir-Regolament, u jeħtieġu awtorizzazzjoni qabel ma jkun jistgħu jintużaw.
- (16) Fir-rigward tal-aċidu tal-arseniku, għas-settur tat-tidwib tar-ram jista' jkun diffiċli li jikkonforma ma' valur limitu ta' 0,01 mg/m³ u għalhekk jenħtieġ li jiġi introdott perjodu tranżitorju ta' sentejn.
- (17) Il-formaldeid jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Huwa karċinoġenu ġenotossiku li jaġixxi lokalment. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi dejta xjentifika u teknika, huwa possibbli li jiġi stabbilit valur limitu fuq terminu twil u fuq terminu qasir għal dak il-karċinoġenu. Għalhekk huwa adatt li jiġi stabbilit valur limitu għall-formaldeid. Barra minn hekk, fuq talba tal-Kummissjoni, l-ECHA qed tiġbor l-informazzjoni eżistenti biex tivvaluta l-espożizzjoni potenzjali mill-formaldeid u mir-rilaxxaturi tal-formaldeid fuq il-post tax-xoġhol inklużi l-użi industrijali u professjonali⁷.

⁷ https://echa.europa.eu/documents/10162/13641/formaldehyde_cion_reqst_axvdossier_en.pdf/11d4a99a-7210-839a-921d-1a9a4129e93e

- (18) Is-sustanza 4,4'-Metilen-bis(2-kloroanilina)(MOCA) tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika (il-kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk hija karċinoġenu skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Ġiet identifikata l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti permezz tal-ġilda għall-MOCA. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit valur limitu għall-MOCA u li tiġi assenjata notazzjoni dwar il-ġilda. Barra minn hekk, ġiet identifikata bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna (SVHC) skont l-Artikolu 57(a) tar-Regolament KE Nru 1907/2006 u hija inkluża fl-Anness XIV ta' dak ir-Regolament, u tenħtieġ awtorizzazzjoni qabel ma tkun tista' titqiegħed fis-suq jew tintuża. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi dejta xjentifika u teknika, huwa possibbli li jiġi stabbilit valur limitu għall-MOCA.
- (19) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-ACSH. Wettqet ukoll konsultazzjoni f'żewġ stadji mal-maniġment u mal-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-ACSH adotta opinjonijiet għas-sustanzi ta' prijorità kollha previsti minn din il-proposta u ppropona valur limitu vinkolanti ta' espożizzjoni okkupazzjonali għal kull wieħed minnhom, filwaqt li appoġġa n-notazzjonijiet rilevanti għal xi wħud minnhom⁸.
- (20) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji mirquma fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja u d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa previsti, rispettivament, fl-Artikoli 2 u 31 tagħha.

⁸ It-test sħiħ tal-opinjonijiet huwa disponibbli fuq CIRCA-BC, <https://circabc.europa.eu>

- (21) Il-valuri limitu stabbiliti f'din id-Direttiva jridu jinżammu taħt rieżami sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, b'mod partikolari sabiex titqies l-interazzjoni bejn il-valuri limitu stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE u l-livelli derivati ta' bla effett għas-sustanzi kimiċi perikolużi skont dak ir-Regolament sabiex il-ħaddiema jkunu protetti b'mod effettiv.
- (22) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, li jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u li tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema minn riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-espożizzjoni għall-karċinoġeni u l-mutaġeni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (23) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. L-Istati Membri huma għalhekk mistiedna jevalwaw l-impatt tal-att ta' traspożizzjoni tagħhom fuq l-SMEs biex jiżguraw li l-SMEs ma jġugx affettwati b'mod sproporzjonat, b'attenzjoni speċifika għall-mikrointrapriżi u għall-piż amministrattiv, u biex jipubblikaw ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet.
- (24) Minħabba li din id-Direttiva tikkonċerna l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom, jenħtieġ li tiġi trasposta fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
- (25) Għalhekk id-Direttiva 2004/37/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Artikolu 1

Id-Direttiva 2004/37/KE hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 18a, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mhux aktar tard minn ... [*ĠU: ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-għażla li din id-Direttiva tiġi emendata biex tinkludi kombinazzjoni ta' limitu ta' espożizzjoni okkupazzjonali fl-arja ma' valur ta' limitu bijoloġiku għall-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu.";

- (2) L-Anness III huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idañhlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [sentejn...] ¹⁰. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar it-test ta' dawk il-miżuri.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffieċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

¹⁰ Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNEX

L-Anness III huwa emendat kif ġej: fil-punt A, tiżdied it-tabella li ġejja:

Isem tal-aġent	Nru tal-KE ⁽ⁱ⁾	Nru tal-CAS ⁽ⁱⁱ⁾	Valuri limitu						Notazzjoni	Miżuri Tranżitorji
			Tmien sigħat ⁽ⁱⁱⁱ⁾			Perjodu ta' żmien qasir ^(iv)				
			mg/m ³ ^(v)	ppm ^(vi)	f/ml ^(vii)	mg/m ³	ppm	f/ml		
Kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu	–	–	0,001 ^(ix)	–	–	–	–	–	–	Il-valur limitu 0,004 mg/m ³ ^(ix) sa seba' snin wara t-tmien tal-perjodu ta' traspożizzjoni.
Berillju u l-komposti inorganiċi tal-berillju	–	–	0,0002 ^(ix)	–	–	–	–	–	–	Il-valur limitu 0,0006 mg/m ³ ^(ix) sa ħames snin wara t-tmien tal-perjodu ta' traspożizzjoni.
L-aċidu tal-arseniku u l-impluh tiegħu, kif ukoll il-komposti inorganiċi tal-arseniku	–	–	0,01 ^(ix)	–	–	–	–	–	–	Għas-settur tat-tidwib tar-ram, il-valur limitu se jidhlo fis-seħħ sentejn wara t-tmien tal-perjodu ta' traspożizzjoni.
Formaldeid	200-001-8	50-00-0	0,37	0,3	–	0,74	0,6	–	–	Dawn il-valuri limitu se jidħlu fis-seħħ tliet snin wara t-tmien tal-perjodu ta' traspożizzjoni.
4,4'-Metilen-bis(2-kloroanilina)	202-918-9	101-14-4	0,01	–	–	–	–	–	ġilda ^(viii)	

⁽ⁱ⁾ Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

⁽ⁱⁱ⁾ Nru tal-CAS: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

⁽ⁱⁱⁱ⁾ Imkejla jew kkalkulati b'rabta ma' perjodu ta' referenza ta' medja ponderata skont il-ħin (TWA) ta' tmien sigħat.

^(iv) Limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur limitu li 'l fuq minnu jenħtieġ li ma jkunx hemm espożizzjoni u li huwa marbut ma' perjodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

^(v) mg/m³ = milligrammi għal kull metru kubu tal-arja b'20 °C u 101,3 kPa (pressjoni tal-merkurju ta' 760 mm).

^(vi) ppm = partijiet fil-miljun b'volum fl-arja (ml/m³).

^(vii) f/ml = fibri għal kull millilitru.

^(viii) Kontribuzzjoni sostanzjali għal piż totali tal-ġisem mill-espożizzjoni tal-ġilda possibbli.

^(ix) Frazzjon inalabbli.